MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 499/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Zammit**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Victor Zammit talli fit-22 ta' Awissu 2010 ghall-habta ta' bejn 13:00 hrs u 16:00 hrs, bhala l-persuna licenzjata u/jew il-persuna responsabbli ta' l-istabbiliment bl-isem ta' 'Torre Paolina' li jinsab fi Triq il-Madliena, Naxxar:

(1) dejjaq u/jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata b'tali mod li kienet tinstema minn barra l-post;

(2) dejjaq lil girien b'volum eccessiv ta' muzika;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Novembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Victor Zammit hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat il-Kap. 441.07, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu twiddiba;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta’ Novembru, 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu filwaqt li (b) tirrevokaha u thassarha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ twiddiba u minflok tinfliggi piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kinitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata mil-ligi. L-appellant jghid li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat jirrigwardaw il-provvedimenti ta’ l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 u l-pieni applikabbli ghall-ksur ta’ dawn ir-regolamenti (kif jipprovdi r-regolament 53 ta’ dak l-Avviz Legali) huma dawk kontenuti fl-artikolu 18 tal-Kap. 441. Skond il-parti rilevanti ta’ dan l-artikolu:

**“18. Meta persuna tikser xi disposizzjoni ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti maghmulin tahtu, hija tkun hatja ta’ reat taht dan l-Att u tista’ tehel, meta tinsab hatja, kemm-il darba ma tkunx preskritta xi piena ohra taht xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att:**

**(a) meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, ammenda ta’ mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma ta’ mhux izjed minn**

**elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).”**

L-appellant josserva illi ghalkemm l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali biex ikkundannat lill-appellat ghal twiddiba, ma kienx hemm ragunijiet “specjali u straordinarji” biex setghet tinzel taht il-minimu.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-Avukat Generali ghandu ragun kemm ghal dak li jirrigwarda l-piena applikabbli kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi:

**“Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 492, il-qorti tista’, ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 20, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 7.”**
Skond dan l-artikolu, irid ikun hemm aktar minn raguni wahda, dawn ir-ragunijiet iridu jkunu specjali u straordinarji u r-ragunijiet iridu jissemmew bir-reqqa fis-sentenza. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rreferiet ghall-fatt li l-appellat ammetta u li obda mill-ewwel l-ordnijiet tal-Pulizija sabiex il-muzika titbaxxa. Dawn ma jistghux jitqiesu ragunijiet la specjali u lanqas straordinarji izda huma cirkostanzi li sejrin jittiehdu in konsiderazzjoni biex tigi applikata piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha ghal dik li hija htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat twiddiba u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------